**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 373/09**

**Illum: 25 ta' Settembru, 2015**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech)**

**vs**

**Omissis**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Omissis;

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fil-lejl ta' bejn is-26 u s-27 ta' Mejju 2007 u matul il-jiem ta' qabel din id-data:

a) Kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta u psikotropika (*ecstasy*) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

b) Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-raba' u s-sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenza jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenza mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolamenti tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u il-Professjonijiet li Ghandhom X'Jaqsmu Maghha (Kap. 31), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tat-30 ta' Ottubru 2013, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qed jezentaw lil Qorti kif presjeduta, milli terga' tisma' l-provi mismugha f'din il-kawza sa dakinhar, mill-Qorti kif diversament presjeduta;

Semghet it-trattazzjoni finali tad-difiza u lill-prosekuzzjoni tirrimetti ruhha ghall-provi mressqa.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti saljenti li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti:- Fis-26 ta' Mejju 2007, Pulizija mill-Iskwadra kontra d-Droga waqqfu xi erba' jew hames zghazagh fil-*parking area* tal-*Axis*, fosthom l-imputat odjern, waqt li dawn kienu qeghdin bil-qeghda fuq cint u ghamlulhom tfittxija, waqt liema tfittxija nstabet xi raza tal-*cannabis* u xi pipa fuq tlieta minnhom. Fuq l-imputat ma nstab xejn. Dawn gew rilaxxjati u hekk kif telqu, taht ic-cint li kienu bilqeghda fuqu z-zghazagh

imsemmija, inkluz l-imputat, il-Pulizija nnutaw l-*ID card* tal-imputat odjern u hdejha bott abjad. Fil-bott kien hemm sustanza bajda u dsatax-il pillola suspettati *ecstasy.* Dak il-hin stess, il-Pulizija elevaw l-*ID card* u dawn il-pilloli flimkien mas-sustanza misjuba, fil-bott misjub poggew xi zrar u hallew l-istess bott fil-post fejn sabuh waqt li baqghu fid-dintorni sabiex jaghmlu l-osservazzjonijiet taghhom. Xi kwarta jew ghoxrin minuta wara, il-Pulizija nnutaw lill-imputat ma' persuna ohra – certu Terence – dehlin fil-*parking area* u lill-imputat jaqbez ic-cint fejn instab il-bott ftit qabel. PS 1086 jghid illi l-imputat gie nnutat jigbor xi haga, jersaq wara karozza li kienet fil-*parking area* flimkien ma' siehbu u hekk kif bdew mexjin lejhom, dawn raw lill-imputat ihares lejn il-bott, jifthu u jarmih mal-art.[1]

Fix-xhieda tieghu, **PS 1086 Johann Micallef** qal illi dak il-hin, l-imputat u Terence gew separati u Terence qal lix-xhud illi l-imputat ried jerga' jmur fil-*car park* ghaliex ried igib xi haga u x'hin l-imputat fetah il-bott, dan qallu "*we've been set up*".[2] In kontro-ezami, ix-xhud spjega illi huwa ma semax lill-imputat jghid dan id-diskors lil Terence u spjega wkoll illi peress illi kien hemm erba' jew hames guvintur fuq ic-cint, it-tfittxijiet fuqhom ma sarux f'daqqa, izda lestew bit-tfittixija minn wiehed u komplew fuq l-iehor ta' hdejh. L-ewwel tliet guvintur instabitilhom sustanza suspettata raza. Fi kliem l-istess xhud "*Dak il-bott ma stajniex nghidu li kien ta' Omissis jew l-iehor*"[3], izda huwa seta' jghid biss illi huwa kien ra lill-imputat imur jigbor dan il-bott.

Fix-xhieda tieghu, **l-Ispettur Pierre Grech**[4], qal illi in konnessjoni ma' dan il-kaz kienu gew arrestati l-imputat u tliet zghazagh ohra u li b'referenza ghall-bott in kwistjoni, "*kien hemm hafna tahwid bejn il-verzjonijiet taghhom*"[5] u li "*kien hemm tahwida shiha bejniethom*".[6]

Mir-relazzjoni **tal-Ispizjar Mario Mifsud**[7], jirrizulta illi huwa nghata dokument wiehed ghall-analizi tieghu u cioe` borza tal-plastik trasparenti li fiha kien hemm *label* bil-kliem 'Data 26/05/07, Hin 3.45 a.m., Elevat/i minn mal-art (*Axis Parking*), fil-presenza ta' PC 10, WPC 127 u PS 1086. F'din il-borza kien hemm bott tal-*plastic* ta' lewn abjad li kien vojt, borza zghira tal-plastik trasparenti bi trab

---

[1] Xhieda ta' PS 1086 Johann Micallef, a fol. 23 *et seq* tal-process u xhieda ta' PC 10 Trevor Cassar Mallia, a fol. 31 *et seq* tal-process.
[2] A fol. 24 tal-process.
[3] A fol. 26 tal-process.
[4] A fol. 7 *et seq* tal-process.
[5] A fol. 8 tal-process.
[6] A fol. 9 tal-process.
[7] A fol. 45 *et seq* tal-process.

abjad ta' lewn *off-white* fiha u borza ohra tal-plastik trasparenti li fiha kien hemm dsatax-il pillola ta' lewn abjad.

Skond il-konkluzjonijiet tal-istess espert: a) ma nstabux sustanzi illegali fil-bott tal-plastik abjad; b) li d-dsatax-il pillola ta' lewn abjad instabet fihom is-sustanza 3,4-*Methylenedioxymethamphetamine (MDMA), central stimulant*, li hija kkontrollata bil-ligi taht it-Tielet Skeda, Parti A tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta; c) li t-trab ta' lewn *off-white* f'ammont nett totali ta' 0.1 grammi, instabet fih is-sustanza kokajina. Il-purita` tat-trab ta' lewn *off-white* ghas-sustanza kokajina kienet ta' cirka 33.2%.

L-imputat irrilaxxja stqarrija nhar it-28 ta' Mejju 2007 u dan wara li gie moghti s-solita twissija li huwa ma kienx obbligat jitkellem, izda dak li jghid jista' jingieb bhala prova.[8] Il-Qorti tinnota li ghalkemm fis-seduta tat-13 ta' Gunju 2011, id-difiza ddikjarat illi kienet qeghda tirrizerva l-posizzjoni taghha dwar l-ammissibilita`o meno tal-istqarrija tal-imputat u dan minhabba indoli ta' natura kostituzzjonali, sussegwentement fl-ebda stadju d-difiza ma talbet lil din il-Qorti sabiex ma tiehux konjizzjoni ta' din l-istqarrija jew ikkontestat il-volontarjeta` jew il-validita` taghha. Ghalkemm l-imputat irrilaxxja din l-istqarrija qabel id-dhul fis-sehh tal-Avviz Legali 35/2010, meta kellu sbatax-il sena, fl-ebda stadju, lanqas matul dawn il-proceduri, ma fittex li jiehu lura l-istqarrija tieghu jew cahad il-kontenut taghha *in toto* jew *in parte.* Mhux biss, waqt ix-xhieda tal-imputat f'dawn il-proceduri, f'punt minnhom kienet id-difiza stess li ghamlet referenza lill-imputat ghall-istqarrija tieghu, li juri ghalhekk illi d-difiza m'hijiex qeghda tikkontesta l-validita` jew l-ammissibilita` tal-istess stqarrija.

Fl-istqarrija tieghu, **l-imputat** qal illi huwa ma juzax droga u mistoqsi jekk qatt uzax droga, huwa wiegeb illi darba jew darbtejn huwa pejjep il-*cannabis* u li l-pulizija kienu kellmuh dwar dan. Huwa kkonferma illi fil-lejl ta' bejn il-Gimgha u s-Sibt huwa gie mwaqqaf mill-pulizija u qal li huwa kien qieghed *party* fl-*Axis* u li hu u erba' hbieb tieghu hargu ghall-arja fil-parkegg ta' wara l-*Axis.* Kienu bilqeghda fuq il-hajt u marru fuqhom tliet pulizija, li talbuhom johorgu l-affarijiet mill-bwiet. Sa fejn jaf hu, fuq l-ohrajn instab xi haga, izda lilu ma nstablu xejn. Madankollu, huwa beza' u rema l-karta tal-identita` tieghu fil-haxix fil-vicin, lilu ghamlulu tfittixija u qalulu li seta' jitlaq, fil-waqt li l-ohrajn baqghu mal-pulizija. Izjed tard, waqt li kien wahdu, iltaqa' ma' certu Terence, qallu x'gara u nofs siegha wara talbu jmur mieghu sabiex jghinu jfittex l-karta tal-identita` fil-parkegg. Marru u bdew ifittxu fil-post fejn huwa kien tefa l-karta tal-identita` tieghu u fl-

[8] A fol. 10 *et seq* tal-process.

istess post, f'rokna ra kontenitur abjad, huwa gabru u lil Terence staqsieh '*dan x'inhu*?' Qal li dan il-kontenitur kien ezattament fil-post fejn huwa kien xehet il-karta tal-identita`, huwa fethu u ra li kien mimli gebel. Tefghu mal-art, fittex ftit ghall-karta tal-identita` u peress illi ma sabhiex, bdew mexjin 'il barra mill-parkegg. L-istess pulizija li kienu waqqfuhom qabel regghu waqqfuhom, staqsewhom x'kienu qed jaghmlu hemm u wrewh l-karta tal-identita` tieghu. Qal li huwa qalilhom li kien remiha ghaliex beza'. Lilu qalulu li l-kontenitur li kien ghadu kif gabar kien mimli pilloli, li kien hu li tefghu fejn instab u li kien mar ifittxu. Meta muri l-kontenitur, huwa gharfu bhala dak li kien sab fil-parkegg. Qal li ma kienx jaf ta' min hu u mistoqsi kif lill-Pulizija qalilhom li l-bott kien tal-Bubli (Daniel Farrugia), huwa qal illi l-pulizija qalulu li Terence qalilhom li l-imputat kien qallu li kien ta' Daniel, izda huwa cahad li lil Terence kien qallu hekk. Qal li huwa qal li l-bott kien ta' Daniel, ghaliex il-pulizija qalulu li Terence kien qal hekk u allura huwa qal hekk ukoll. Mistoqsi allura ghalfejn kien gabar dan il-bott, meta hu kien mar biex ifittex il-karta tal-identita`, meta dan kumbinazzjoni kien fih id-droga u kien qalb imbarazz iehor fid-dlam, l-imputat wiegeb li kien f'ghajnejh fl-istess post fejn tefa' l-karta tal-identita`. Mistoqsi jekk kienx semma mal-pulizija li huwa kien ra dan il-bott idur fl-idejn gewwa l-*Axis*, l-imputat ikkonferma dan u qal li kien ra dan il-bott ghaddej fl-idejn, izda ma kienx jaf ghand min kien qed idur. Meta gie ssuggerit lilu illi kien hemm hafna kumbinazzjonijiet f'dan kollu, l-imputat ghazel li ma jwegibx, kif kellu kull dritt li jaghmel.

**L-imputat** xehed ukoll f'dawn il-proceduri.[9] Jghid illi huwa kien qieghed *party* l-*Axis* flimkien ma' hamest ihbieb tieghu, hargu ftit fil-parkegg tal-*Axis* biex ipejjpu sigarett, poggew fuq cint u waqt li kienu qeghdin hemm, marru l-pulizija fuqhom u ghamlulhom tfittxija. Jghid li huwa kien qal lill-genituri tieghu li kien rieqed ghand habib tieghu u mhux suppost li kien barra u meta ra lill-pulizija, waddab il-karta tal-identita` tieghu fil-haxix warajh. Skond hu, dan ghamlu biex il-pulizija ma jmorrux id-dar tieghu u jghidu lil missieru li kien barra. Ghamlulu tfittxija, ma sabulu xejn u qalulu li jista' jmur. Jghid li fuq shabu ma nstab xejn u regghu dahlu fil-*party*, imbaghad wara xi nofs siegha, huwa hareg ma' iehor biex ifittex l-karta tal-identita` u waqt li kien qed ifittixha, ra bott abjad mal-art li qabel kien rah idur ghand shabu fil-*party*. Ma kienx jaf ta' min kien dan il-bott u lanqas kien jaf x'fih. Il-karta tal-identita` ma sabhiex. Huwa fetah il-bott, fih sab gebel zghir u waddbu fl-art. Kif ghamel hekk, regghu marru l-pulizija, arrestawh u qalulu li dak kien fih id-droga. Mistoqsi ghaliex kien qal lill-pulizija li l-bott kien ta' Bubley, huwa jghid illi dak li kien mieghu ossia certu Terence qallu li kien jahseb li dak ta'

---

[9] A fol. 83 *et seq* tal-process.

wiehed Daniel Bubley u li dan Terence kien qal hekk lill-pulizija wkoll. Jghid li waqt l-istqarrija, huwa gie mistoqsi kienx ta' Daniel, izda hu ma kienx jaf li dan kien tieghu u allura ma qalx li kien ta' Daniel ghax ma kienx jaf ta' min hu.

Mistoqsi mill-Qorti ghaliex kien qabad dan il-bott, huwa jghid illi qabel kien rah idur fil-*party* u ried jara x'kien fih. Ghalhekk qabdu, fethu u x'hin ra l-gebel remieh. Rega' qal li l-karta tal-identita` tieghu ma sabhiex wara li kien remiha u li mbaghad din giet moghtija lilu mill-Ufficjal Prosekutur. Jghid li meta ra l-bott huwa gharfu bhala l-bott li kien ra meta kien fil-*party* qabel hareg u li dan kien rah idur f'idejn shabu fis-sens li kienu qeghdin jghadduh lil xulxin. Ma rax jekk hargux xi haga minnu u ma kienx jaf min minn shabu kellu l-bott, ghalkemm kien xi hadd mill-hamsa li kien maghhom. Gharfu ghaliex kien bott abjad. Jghid li l-ewwel darba li twaqqfu mill-pulizija kienu hames persuni fuq ic-cint tal-parkegg, bilqeghda hdejn xulxin. Jghid li qabel dakinhar kien ha *ecstasy*, izda dakinhar ma kienx ha u li kien ha xi wahda jew tnejn f'lejl. Jghid li kokaina qatt ma ha. Jghid li ried jara x'kien fih il-bott, ghaliex kien diga` rah fil-*party* u biex jaghtih lura, imma mbaghad meta ra l-gebel, qabad u remieh.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Permezz tal-ewwel imputazzjoni, l-imputat qed jigi akkuzat bil-pussess aggravat tal-*ecstasy* u permezz tat-tieni imputazzjoni, bil-pussess illegali ossia semplici tal-kokaina. Jirrizulta fil-fatt mir-relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud, illi d-dsatax-il pillola li kienu fil-bott li nstab mill-pulizija taht ic-cint in kwistjoni kien fihom is-sustanza MDMA, fil-waqt illi t-trab misjub fl-istess bott kien jikkontjeni d-droga kokaina.

Illi irid jinghad fl-ewwel lok illi dak li xehed PS 1086 dwar dak li qallu Terence fis-sens illi l-imputat qal lil dan Terence li '*we've been set up*' hekk kif hares fil-bott, huwa evidentement *hearsay evidence* u ghaldaqstant la darba kif jghid PS 1086, huwa ma semax lill-imputat jghid hekk u l-istess Terence baqa' ma tressaqx mill-Prosekuzzjoni sabiex jikkonferma li dan il-kliem intqal lilu mill-imputat, dan m'huwiex ammissibbli bhala prova, hlief fir-rigward tal-fatt illi dak il-kliem intqal lil PS 1086 minn Terence, imma mhux li dak il-kliem effettivament intqal lilu mill-imputat.

Issa ghalkemm ic-cirkostanzi li fihom instab il-bott bid-droga in kwistjoni taht ic-cint tal-parkegg tal-*Axis*, flimkien mal-fatt li wara ftit tal-hin, l-imputat intlemah jaqbad dan il-bott minn taht l-istess cint u jarmih x'hin induna li kien fih biss zrar, jixhtu suspett fuq l-istess imputat, biss mill-provi prodotti l-Qorti jidhrilha li ma

tistax tasal sal-konvinciment morali illi fil-fatt dan il-bott u d-droga kontenuta fih kienu jappartjenu lilu. Jibda biex jinghad illi l-verzjoni tal-imputat li huwa kien rema l-karta tal-identita` tieghu fl-akkwati fejn instab il-bott, giet ikkonfermatha mill-istess Ufficjali tal-Pulizija li sabu l-karta tal-identita` tieghu hdejn l-istess bott. Ghalhekk li l-imputat effettivament rega' mar fl-istess post sabiex ifittex il-karta tal-identita` tieghu huwa ben verosimili. Il-Qorti tqis ukoll illi l-verzjoni tal-imputat, dak iz-zmien guvni ta' sbatax-il sena, li jghid illi huwa rema l-karta tal-identita` ghaliex fil-hin tat-tfittxija huwa beza' li l-genituri tieghu jsiru jafu li fil-fatt huwa ma kienx qieghed ghand il-habib tieghu, fejn kien qalilhom li ser ikun, izda minflok gewwa Paceville fil-hinijiet bikrin ta' filghodu[10] hija wkoll verzjoni verosimili u attendibbli. In oltre fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid illi fuq ic-cint tal-parkegg qabel it-tfittxija li saret lilu u lill-shabu mill-pulizija, kienu hames persuni - fatt ikkonfermat mill-Ufficjali tal-Pulizija li esegwew din it-tfittxija, li jghidu li kienu erba' jew hames guvintur - u in oltre PS 1086 Johann Micallef jghid illi t-tfittxija ma saritx fuq dawn il-guvintur fl-istess hin, izda b'mod konsekuttiv billi fittxew fuq wiehed imbaghad fuq iehor sakemm ghamlu tfittxija fuqhom kollha. Ghalhekk seta' facilment kien il-kaz illi dan il-bott ma ntremiex mill-imputat, izda minn wiehed mill-guvintur l-ohrajn li kienu qeghdin hdejh. Veru wkoll illi kif inghad l-agir tal-imputat li gabar il-bott u fethu kien suspettuz, izda mill-banda l-ohra, il-verzjoni tieghu li gharaf dan il-bott bhal bott li kien ra proprju ftit tal-hin qabel f'idejn shabu, m'hijiex daqstant inverosimili u dan ghaliex, kif inghad, huwa anke possibbli li xi hadd minn shabu kien tefghu hemmhekk ftit tal-mumenti wara li hargu mill-*party* u cioe` qabel jew waqt it-tfittixja. In oltre l-Ufficjal Prosekutur jghid fix-xhieda tieghu illi z-zghazagh l-ohrajn li ttehditilhom stqarrija – u f'dan ir-rigward semma' tliet persuni ohrajn apparti lill-imputat – taw diversi verzjonijiet fir-rigward ta' dan il-bott u fi kliemu stess "*kien hemm hafna tahwid bejn il-verzjonijiet taghhom*". Dan il-fatt m'huwa ta' konfort xejn ghat-tezi tal-Prosekuzzjoni illi l-istess bott kien proprju tal-imputat odjern.

Imbaghad irid jinghad ukoll illi kif tajjeb irrilevat id-difiza fis-sottomissjonijiet taghha, x'sens kien jaghmel li l-imputat jarmi l-karta tal-identita` tieghu flimkien ma' u hdejn il-bott bid-droga bhal donnu sabiex jaghti indikazzjoni ta' min kienet din id-droga?

F'dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti tqis illi l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat fil-grad rikjest mil-ligi.

---

[10] Mit-*tag* annessa mad-droga misjuba, jirrizulta illi din instabet ghall-habta tal-3.45 a.m. u kemm mix-xhieda tal-imputat stess, kif ukoll minn dik ta' PS 1086 jirrizulta illi t-tfittxija fuq l-imputat u z-zghazagh l-ohrajn saret xi ghoxrin minuta jew nofs siegha qabel.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u qeghda tilliberah minnhom.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita bhala Dok. PG1, hekk din is-sentenza tghaddi in gudikat u taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta’ din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Stante li l-imputat kien minuri fiz-zmien tal-kaz odjern, tordna d-divjet tal-publikazzjoni ta’ isem l-imputat.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat